# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 13 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 174/02**

**Numru 26**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Salvu Borg u Patricia Borg in solidum**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti "in solidum" ghall-hlas tas-somma ta' erbat t'elef, sitt mija u erbghin liri Maltin (Lm4,640) import ta' kambjali mill-konvenuti accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati Dok 1 sa 20, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew nterpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annesi dokumenti markati numru “1” sa “20” a fol 2 sa fol 21 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-30 ta' April 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm4,640.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala esebita sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur